# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 7**

**Ċitazzjoni numru 249/08/2 JRM**

Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali 655/08 tat-3 ta' Marzu, 2008 fl-ismijiet:

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**v.**

**Emmanuel Vella & Sons Limited f'isimha propju u kif ukoll bħala aġent tal-kumpanija estera Alpha Trade and Commerce (UK) Limited; u b'digriet tat-28 ta' Ġunju, 2012, isem l-intimat eżekutant inbidel għal Direttur Ġenerali (Dwana); u b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2013, Express Trailers Limited (C-4278) assumiet l-atti tal-kawża minflok Emmanuel Vella & Sons Limited**

Preliminari:

1. Fit-3 ta' Marzu, 2008, il-Kontrollur tad-Dwana ppreżenta ittra uffiċjali (Nru 655/08) fit-termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'

Malta li permezz tagħha interpella lis-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd f'isimha proprju kif ukoll bħala aġent tal-kumpanija estera Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd sabiex tħallas is-somma ta' €447,235 in linea ta' dazju fuq importazzjoni ta' zokkor bejn Lulju u Settembru 2005.

2. Fit-13 ta' Marzu, 2008, is-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd ippreżentat ir-rikors odjern fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali (ai termini tas-subinċiż (2) tal-Artikolu 466 tal-Kap 12) fejn talbet lill-Qorti tiddikjara t-talba tal-Kontrollur bħala waħda infondata.

3. Permezz tas-sentenza mogħtija minnha fis-27 ta' Ottubru, 2016, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba ta' Express Trailers Ltd (li fl-2013 kienet assumiet l-atti flok Emmanuel Vella & Sons Ltd) u sabet li ma kellhiex tħallas is-somma mitluba fl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2008: la f'isimha proprju, u lanqas bħala aġent tas-soċjeta` estera Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd.

4. Id-Direttur Ġenerali (Dwana), ġia il-Kontrollur tad-Dwana, ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk fis-16 ta' Novembru, 2016, interpona l-appell odjern, fejn talabha tħassar u tirrevoka *in toto* d-deċiżjoni appellata tas-27 ta' Ottubru, 2016, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija appellata. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti qed tirriproduċi s-sentenza appellata:

***"Il-Qorti**:*

*Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija eżekutata Emmanuel Vella & Sons Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "ETL") fil-kwalita' tagħha premessa talbet li din il-Qorti (a) ssib li, għall-finijiet tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiċħad it-talba magħmula mill-intimat Kontrollur eżekutant fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-3 ta' Marzu, 2008, bħala waħda mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;*

*Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur eżekutant intimat fl-24 ta' April, 2008, li biha laqa' għat-talba ta' ETL billi saħaq li t-talba magħmula minnu fl-ittra uffiċjali tiegħu tiswa u torbot lill-istess ETL ladarba hija għamlet id-dikjarazzjoni tal-merkanzija li dwarha ntalab il-ħlas dovut, u bis-saħħa ta' hekk hija għandha tħallas ukoll it-taxxa dovuta fuq dik il-merkanzija. Żied jgħid li, ladarba ETL qiegħda tistqarr li mhijiex l-aġent ta' Alpha Trade and Commerce (U.K.) Limited, mela jfisser li ETL assumiet responsabbilta' diretta għall-mili tad-dikjarazzjoni doganali u dak li ngħad fiha u hekk ukoll trid twieġeb direttament għall-ħlas tad-dazju dovut. Minbarra dan, ukoll kieku wieħed kellu jaċċetta li ETL kienet qiegħda tmexxi f'isem il-kumpannija barranija, dan ma iddikjaratu qatt fuq il-formoli minnha stess mimlija, u kull relazzjoni bejn ETL u l-imsemmija kumpannija barranija huma relazzjonijiet interni li d-Direttur ma jidħolx fihom u ma jorbtuhx. Minħabba f'hekk, jgħid li l-pretensjoni magħmula minnu fl-ittra uffiċjali hija tajba u tiswa u ETL ma għandha l-ebda raġuni tikkontestaha;*

*Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2009*[1]*, mill-avukat difensur tad-Direttur intimat li biha qalet li s-somma mitluba fl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2008, "ma tirreferi bl-ebda mod għal xi bejgħ jew disposizzjoni (recte: disponiment) ordnata mill-istess Kontrollur dwar xi konsenji ta' zokkor li kienu nqabdu f'xi żmien taħt l-awtorita' tiegħu";*

*Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u rat ukoll il-provi dokumentali kollha mressqin minnhom;*

*Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Novembru, 2013*[2]*, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;*

*Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa minn ETL waqt is-smigħ tas-6 ta' Mejju, 2014*[3]*;*

*Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur intimat fit-8 ta'*

---

[1] Paġ. 28 tal-proċess
[2] Paġ. 436 tal-proċess
[3] Paġ. 439 sa 446 tal-proċess

*Awwissu, 2014[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija rikorrenti;*

*Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;*

*Rat l-atti kollha tal-kawża;*

*Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;*

***Ikkunsidrat:***

*Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'kontestazzjoni għall-eżekuzzjoni ta' talba magħmula f'att ġudizzjarju għall-ħlas ta' kreditu pretiż mill-Gvern. ETL trid tikkontesta pretensjoni magħmula mill-imħarrek Direttur Ġenerali (Dwana) (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Direttur") f'ittra uffiċjali tiegħu li fiha talabha, fil-kwalita' tagħha premessa, biex tħallsu somma bħala dazju fuq konsenja ta' zokkor li nġabet f'Malta mill-kumpannija Alpha Trade and Commerce (U.K.) Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "Alpha") sabiex titqassam f'pajjiżi oħra msieħba fl-Unjoni Ewropeja;*

*Illi għal din l-azzjoni, id-Direttur laqa' billi qal li t-talba magħmula minnu fl-ittra uffiċjali tiegħu tiswa u torbot lill-istess ETL ladarba hija għamlet id-dikjarazzjoni tal-merkanzija li dwarha ntalab il-ħlas dovut, u bis-saħħa ta' hekk hija għandha tħallas ukoll it-taxxa dovuta fuq dik il-merkanzija. Żied jgħid li, ladarba ETL qiegħda tistqarr li mhijiex l-aġent ta' Alpha, mela jfisser li ETL assumiet responsabbilta' diretta għall-mili tad-dikjarazzjoni doganali u dak li ngħad fiha u hekk ukoll trid twieġeb direttament għall-ħlas tad-dazju dovut. Minbarra dan, ukoll kieku wieħed kellu jaċċetta li ETL kienet qiegħda tmexxi f'isem Alpha, dan ma iddikjaratu qatt fuq il-formoli minnha stess mimlija, u kull relazzjoni bejn ETL u Alpha huma ħwejjeġ interni li d-Direttur ma jidħolx fihom u ma jorbtuhx. Minħabba f'hekk, jgħid li l-pretensjoni magħmula minnu fl-ittra uffiċjali hija tajba u tiswa u ETL ma għandha l-ebda raġuni tikkontestaha;*

*Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li fost in-negozju li twettaq ETL hemm dak tal-ġarr tal-merkanzija minn pajjiż għal ieħor u bħala aġent għal talbiet doganali[5];*

*Illi r-rabta ma' Alpha bdiet fl-2005 meta din riedet iddaħħal konsenji ta' zokkor f'Malta biex imbagħad jiġu trasbordati għal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropeja (l-aktar lejn l-Italja). F'Ġunju tal-2005 kienet irċeviet posta elettronika mingħand Alpha[6] u fil-bidu ta' Lulju ta' dik is-sena, kienu ġew f'Malta żewġ rappreżentanti ta' Alpha għand ETL. ETL tgħid li kien xi ħadd mid-Dipartiment tad-Dwana li ssuġġerixxa lil Alpha biex tkellimha ħalli tagħti s-servizz ta' rilaxx mid-Dwana ('customs clearance agency')*

[4] Paġ. 449 sa 462 tal-proċess
[5] Xhieda ta' David Fleri Soler f'paġ. 14 tal-proċess
[6] Ara Dok "JVA", f'paġ. 96 u 124 – 6 tal-proċess

*dwar merkanzija għat-trasbord fit-territorju tal-Unjoni Ewropeja[7]. ETL tgħid li l-arranġament bejnha u Alpha kellu jkun ETL tiffattura lil Alpha għall-ħlas tan-nol ('freight') u n-nefqiet marbuta ma' servizzi doganali lokali[8] li kienu jqisuha bħala waħda mill-impriżi f'Malta li wieħed seta' jorbot fuqha minħabba li kienet minn ta' quddiem fil-mod kif kienet taħdem f'dan il-qasam[9];*

*Illi l-arranġament bejn ETL u Alpha kien jikkonsisti filli jinġabu konsenji ta' zokkor mill-Affrika (b'mod partikolari, mill-Malawi) għal tqassim fl-Unjoni Ewropeja, li magħha kien hemm arranġament ta' ħelsien mill-ħlas tad-dazju. Mal-ewwel konsenja, ETL kif miftiehma ma' Alpha, imliet il-formoli tad-dwana u ppreżentathom lid-Dwana flimkien mad-dokumenti relatati li rċeviet mingħand Alpha dwar dik il-konsenja, fosthom il-poloz ta' kariku u l-manifesti. Id-Direttur approvahom u b'hekk il-merkanzija ddaħħlet Malta u reġgħet intbagħtet lejn l-Italja. ETL tgħid li d-dokumentazzjoni ressqitha mad-Dipartiment bħala aġent ta' Alpha[10] fuq dokumenti li kienet tibgħat Alpha stess[11]. Dan il-proċess ittenna drabi oħra u d-Dipartiment irrilaxxa l-merkanzija wara li kien jeżamina d-dokumenti mressqa[12];*

*Illi d-dokumentazzjoni li kienet tintbagħat lil ETL kienet turi wkoll li z-zokkor kien oriġinarju tal-Malawi[13] u kien konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Protokoll tal-hekk imsejjaħ ACP – EC Partnership Agreement li kien jeżenta ċerti prodotti mill-impożizzjoni ta' dazju[14];*

*Illi għall-finijiet tal-arranġament li ntlaħaq bejn ETL u Alpha, inħareġ saħansitra ċertifikat ta' reġistrazzjoni wkoll lil Alpha mid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud[15];*

*Illi wara li għaddew xi erbgħin (40) kontejner b'konsenja b'dan il-mod, minn stħarriġ li għamel[16], id-Direttur ġie mgħarraf li d-dokumentazzjoni kienet falza[17], magħdud iċ-ċertifikat li kien jgħid li l-merkanzija oriġinat mill-Malawi, filwaqt li fil-fatt iz-zokkor kien joriġina mill-Brażil[18] u kien ipproċessat fil-Bulgarija[19] u dan jispjega għaliex bosta mill-poloz ta' kariku li koprew il-konsenji kienu juru li l-merkanzija ('containers') tgħabbiet fil-port ta' Varna[20]. Meta beda l-istħarriġ, inqabdu f'Malta ħames (5) containers li kellhom konsenji ta' zokkor li ETL kienet ġabet*

[7] Xhieda ta' David Fleri Soler f'paġ. 16 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Jonathan Vella f'paġ. 30 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Joseph L Brincat u ta' Carmen Aquilina f'paġ. 337 u 340 tal-proċess
[10] Xhieda ta' David Fleri Soler f'paġ. 20 tal-proċess
[11] Ara, b'eżempju, Dok "JVA", f'paġ. 79, 84 u 88 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Jonathan Vella f'paġ. 43 – 5 tal-proċess
[13] Ara, b'eżempju, Dok "JVA" f'paġ. 223 – 4, 229 u 232 tal-proċess fejn il-fatturi jgħidu li z-zokkor kien joriġina mill-Malawi u tgħabba fuq bastiment f'Mozambique
[14] Ara, b'eżempju, Dok "JVA" f'paġ. 60 – 1 u 63 – 4 tal-proċess
[15] Dok "JVA", f'paġ. 59 tal-proċess
[16] Ara Dokti "CA1" u "CA5", f'paġ. 380 – 1 u 385 – 6 tal-proċess
[17] Dok "CA2", f'paġ. 382 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Carmen Aquilina f'paġ. 346 tal-proċess
[19] Dok "CA7", f'paġ. 390 tal-proċess
[20] Ara, b'eżempju, Dok "JVA", f'paġ. 60, 95, 108 u 115 tal-proċess

*f'Malta bl-arranġament li kellha ma' Alpha. Il-containers kienu jappartjenu lil terza persuna li kienet it-trasportatur tal-merkanzija*[21]*;*

*Illi skond dak li qalu uffiċċjali tal-OLAF lill-uffiċjali ta' ETL, Alpha kienet ikkommettiet frodi f'okkażjonijiet preċedenti;*

*Illi mhux ikkontestat li ETL ma kinitx taf b'dan u lanqas b'xi frodi li Alpha setgħet kienet imdaħħla fihom. Lanqas kien hemm ħjiel ta' għemil frawdolenti fiċ-ċertifikati li tressqu lid-Dipartiment meta twasslu f'Malta l-konsenji taz-zokkor;*

*Illi kien lejn nofs Novembru tal-2005*[22] *li l-awtoritajiet tal-Malawi bagħtu jgħarrfu lid-Dipartiment li kemm it-timbru fuq il-formoli EUR-1 u kif ukoll id-dokumenti li kienu jgħidu li z-zokkor kien prodott ta' dak il-pajjiż kienu foloz. Qalulu wkoll li l-kumpannija li kienet tissemma bħala l-esportatriċi taz-zokkor ma kenitx teżisti u lanqas kien hemm triq bl-isem muri fiċ-ċertifikat;*

*Illi wara li nstab li z-zokkor kien ġej mill-Brażil u li ma kienx igawdi l-eżenzjoni tal-ħlas tad-dazju, id-Dipartiment kien bagħat il-ħlas komplessiv ta' ħames mija u wieħed u tmenin elf erba' mija u wieħed u sittin euro (€ 581,461) bħala ħlas ta' dazju miġbur u imgħax għad-dewmien lill-awtorita' Komunitarja kompetenti għall-ġbir tad-dazju*[23]*;*

*Illi fit-30 ta' Novembru, 2005*[24]*, id-Dipartiment ħareġ fattura għall-valur ta' mija u wieħed u disgħin elf disa' mija u tmienja u disgħin Lira Maltin (Lm 191,998) lil Alpha għall-ħlas tad-dazju li d-Dipartiment kien qiegħed jippretendi għall-konsenji ta' zokkor li kieku laħqu għaddew matul dawk l-aħħar ftit xhur. Ta' min jgħid li l-fattura kienet indirizzata lil Alpha u kienet issemmi n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienet ingħatat Alpha;*

*Illi bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu 2008*[25]*, mibgħuta għall-finijiet tal-artikolu 466 tal-Kap 12, id-Direttur interpella lil ETL, kemm f'isimha proprju u wkoll f'isem Alpha, sabiex tħallsu s-somma ta' €447,235 dovuti dazju fuq l-importazzjoni taz-zokkor bejn Lulju u Settembru 2005 billi l-importazzjoni kienet ibbażata fuq dokumenti foloz*[26]*;*

*Illi ETL fetħet din il-proċedura fit-13 ta' Marzu, 2008;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, jibda biex jingħad li l-azzjoni ta' ETL trid titqies fil-qafas tal-artikolu*

---

[21] Affidavit ta' Saviour Vella f'paġ. 32 tal-proċess
[22] Ara Dok "CA6", f'paġ. 387 tal-proċess
[23] Dok "MS1" u xhieda ta' Marion Scerri f'paġ. 352 u 376 tal-proċess
[24] Dokti "MS16" sa "MS19", f'paġ. 367 – 370 tal-proċess
[25] Dok "A", f'paġ. 2 – 3 tal-proċess
[26] Ara Dok "CA8", f'paġ. 391 tal-proċess biex jitfisser kif id-Dipartiment wasal għas-somma mitluba fl-ittra uffiċjali

*466(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u l-għan li l-proċedura hemm maħsuba trid tilħaq. Dak l-artikolu jaqa' f'taqsima tal-kodiċi proċedurali li titkellem dwar il-kawżi tal-Gvern, u għaldaqstant hija taqsima li tirregola b'mod partikolari kif titmexxa l-proċedura fejn il-Gvern ikun waħda mill-partijiet. Ta' min jgħid ukoll li l-artikolu 466 inbidel wara li Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali kienet sabet li l-pretensjoni magħmula minn Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kienet tissarraf f'titolu eżekuttiv favur il-Gvern bla ma jingħata lill-parti intimata l-possibilita' li tikkontesta tali pretensjoni kienet iġġib ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq[27];*

*Illi bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni tal-liġi jingħata lil debitur li jkun laqa' n-notifika ta' ittra uffiċjali minn Kap ta' Dipartiment r-rimedju li jitlob li l-Qorti ssib li t-talba mitluba f'dik l-ittra uffiċjali ma hijiex mistħoqqa. Il-liġi torbot li dik l-azzjoni – bħalma fetħet ETL f'din l-istanza – titressaq fi żmien għoxrin jum minn dakinhar li tintlaqa' n-notifika tal-att ġudizzjarju li jkun. Jekk dik l-azzjoni ma ssirx, it-talba magħmula f'att ġudizzjarju bħal dak tinbidel f'titolu eżekuttiv. Hawnhekk toħroġ in-natura proċedurali partikolari ta' att ġudizzjarju bħal dak. Dan ifisser li l-Qorti trid tara jekk il-pretensjoni ta' Kap ta' Dipartiment hijiex mistħoqqa u dan iġib miegħu stħarriġ fil-mertu tad-dejn kontestat;*

*Illi l-kontestazzjoni ta' ETL f'dan il-każ jidher li tintrabat mal-fatt li hija ma għandhiex tħallas is-somma mitluba mid-Direttur ladarba hija ma ndaħlet bl-ebda mod f'xi qerq li setgħet kienet imdaħħla fih Alpha meta ressqet dokumentazzjoni falza dwar mnejn kien tabilħaqq ġej iz-zokkor li kien jagħmel mill-konsenji li għaddew minn Malta qabel intbagħtu barra mill-ġdid;*

*Illi l-Qorti qiegħda tifhem li ETL ma tikkontestax il-valur dazzjabbli tal-istess konsenji ta' zokkor, maqbul il-fatt li dak iz-zokkor ma kienx ġej minn pajjiż Afrikan imma kien ġej mill-Brażil, u għalhekk ma kienx igawdi mill-benefiċċju ta' merkanzija meħlusa mill-impożizzjoni tad-dazju li l-Unjoni Ewropeja kellha dwar ċerta merkanzija li toriġina fl-Afrika;*

*Illi minn qari tan-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' ETL[28] jidher sewwa li hija tikkontesta l-attribuzzjoni magħmula mid-Direttur li hija kienet mexxiet id-dokumentazzjoni bħala aġent ta' Alpha jew li kienet b'xi mod rappreżentanti tagħha f'Malta f'dak in-negozju. Hija tilqa' għall-pretensjoni tad-Direttur billi tgħid li (i) m'għandhiex ir-rappreżentanza f'Malta ta' Alpha u mhix l-aġent tagħha u li (ii) m'għandhiex x'taqsam mad-dokumenti foloz u ma tistax tinżamm responsabbli għall-kontenut tagħhom;*

*Illi f'dan ir-rigward, ETL, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[29], tisħaq li*

---

[27] Kost. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil noe et v. Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.175**)
[28] §4 f'paġ. 439 tal-proċess
[29] § 23 f'paġ. 443 tal-proċess

*l-uniku kompitu li kellha kien li tesegwixxi l-proċess doganali f'isem Alpha u tgħid li dan kien jafu sewwa d-Direttur li kien huwa stess (jew aħjar, uffiċjal tad-Dipartiment tiegħu) li kien irrakkomanda lil Alpha biex tqabbad lil ETL sabiex tagħmlilha dan ix-xogħol, apparti li kien jidher evidenti mid-dokumenti ppreżentati lill-Kontrollur li ETL kienet qiegħda tissottomettihom f'isem Alpha u mhux f'isimha. ETL iżżid tgħid ukoll li n-negozju tagħha ma kienx dak li timporta l-merkanzija u dan jitfa' dawl fuq is-sehem tagħha fil-ġrajja kollha u li l-istess Direttur kien jaf sewwa bih. Hija tqis lilha nnifisha bħala "mandatarju fejn ir-responsabbilta' tas-soċjeta' rikorrenti kienet biss dik li timla d-dikjarazzjonijiet tad-dwana f'isem il-mandanti tagħha u li tgħaddi lid-Dwana d-dokumentazzjoni relatata"* [30]*;*

*Illi min-naħa tiegħu, id-Direttur iwarrab l-argument ta' ETL u jisħaq li għal ċirkostanza bħal din jgħodd dak li jipprovdi l-artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill numru 2913/1992 li jistabbilixxi Kodiċi Doganali Komunitarju li jgħodd direttament bħala parti mil-liġi ta' Malta. Għalhekk, huwa jtenni li ETL m'għandhiex raġun meta tallega*[31] *li dan ir-Regolament mhux parti mil-liġi ta' Malta. L-Artikolu 5 msemmi jaqra hekk: "1. Taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 64(2) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu 243(2)(b), kull persuna tista' taħtar rappreżentant fin-negozjati tagħha ma' l-awtoritajiet doganali biex jesegwixxi l-atti u l-formalitajiet stipulati mir-regoli doganali. 2. Din ir-rappreżentazzjoni tista' tkun: — diretta, f'liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f'isem u għan-nom ta' persuna oħra, jew — indiretta, f'liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f'ismu proprju iżda għan-nom ta' persuna oħra. Stat Membru jista' jirrestrinġi d-dritt li jsiru dikjarazzjonijiet doganali: — b'rappreżentazzjoni diretta, jew — b'rappreżentazzjoni indiretta, għalhekk ir-rappreżentant għandu jkun aġent doganali li jwettaq il-kummerċ tiegħu fit-territorju ta' dak il-pajjiż. 3. Ħlief fil-każijiet li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 64(2)(b) u (3), rappreżentant għandu jkun stabbilit fil-Komunità. 4. Rappreżentant għandu jiddikjara li qed jaġixxi f'isem il-persuna li jirrappreżenta, jispeċifika jekk ir-rappreżentanza hix diretta jew indiretta u jkollu l-poter li jaġixxi bħala rappreżentant. Persuna li tonqos milli tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra jew li tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra mingħajr ma tkun awtorizzata li tagħmel dan għandha titqies li qed taġixxi f'isimha proprju u għan-nom tagħha stess. 5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lil kull persuna li tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra biex tipproduċi prova tal-poteri tagħha biex taġixxi bħala rappreżentant". Ta' min jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Regolament huma inkorporati bħala r-Raba' Skeda tal-Att tal-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni*[32]*;*

*Illi, minbarra dan, id-Direttur jgħid li hija l-liġi nnifisha li tagħtih il-jedd li jirrevedi, jemenda jew jibdel dikjarazzjonijiet wara li l-merkanzija tkun*

[30] §17 f'paġ. 442 tal-proċess
[31] § 32 f'paġ. 445 tal-proċess
[32] Kap 337

*diġa' ġiet rilaxxata*[33]*. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dan huwa l-każ, imma ladarba s-sanzjonijiet li jistgħu jinqalgħu f'każ ta' "post entries" huma ta' għamla fiskali, it-tħaddim ta' dik is-setgħa jew il-proċeduri li jistgħu jintgħamlu jridu jimxu b'mod fidil mal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi. F'dan ir-rigward, il-liġi trid li "skont il-provvedimenti stabiliti, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni"*[34]*. Huwa jtenni wkoll li s-setgħa tiegħu li jagħmel il-verifiki tad-dokumentazzjoni toħroġ mis-setgħa mogħtija mill-artikolu 201(3) tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, li jagħti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri sa tliet (3) snin minn dakinhar li titressaq id-dokumentazzjoni biex jagħmlu l-istħarriġ meħtieġ tal-istess dokumentazzjoni;*

*Illi d-Direttur jisħaq li ETL qatt ma iddikjarat li r-rappreżentanza tagħha hija waħda diretta u jiġifieri li kienet qed taġixxi għan-nom ta' terzi. Kif jidher mill-kliem tar-Regolament innifsu, dan jikkontempla żewġ għamliet ta' rappreżentanza, waħda diretta, fejn ir-rappreżentanti tkun qiegħda taġixxi "f'isimha proprju u għan-nom tagħha stess" u oħra indiretta, fejn ir-rappreżentanti tkun qiegħda taġixxi "f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra". Skont Reg.5.4, ir-rappreżentant irid jistqarr li huwa qiegħed jidher f'isem il-prinċipal tiegħu u jekk ir-rappreżentanza hix diretta jew indiretta. Persuna li ma tistqarrx li qed taġixxi "f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra" titqies li qed taġixxi f'isimha proprju. Ir-Regolament iqis li hu rappreżentant ukoll min ikollu rappreżentanza indiretta;*

*Illi f'dan ir-rigward jidher li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament ma jaqblux għal kollox ma' dak li l-liġi domestika tifhem b'"rappreżentanza indiretta". F'każijiet bħal dak, id-duttrina tgħallem li "il mandato puo` anche essere senza rappresentanza, o, come si suol dire, con rappresentenza indiretta. In questo caso, secondo quel che abbiamo gia` visto, il mandatario agisce in nome proprio e acquista i diritti e assume gli obblighi derivanti dal negozio ed i terzi non hanno rapporto con il mandante, nei cui confronti non possono far valere alcuna pretesa, neppure se erano a consocenza del mandato: manca infatti, in questa ipotesi, la 'spendita del nome' del mandante, o 'contemplatio domini' (art. 1705 cod. civ.)"*[35]*;*

*Illi bl-istess mod, id-duttrina tgħallem ukoll li "la 'contemplatio domini' deve risultare da una dichiarazione espressa ed univoca, anche se non esige l'impiego di formule solenni; e puo` essere manifestata da un comportamento del mandatario che, per la sua univocita` e concludenza, sia idoneo a portare a consocenza dell'altro contraente che egli agisce per un soggetto diverso, nella cui sfera giuridica gli effetti del contratto concluso sono destinati a prodursi direttamente"*[36]*;*

*Illi f'dan il-każ, ħareġ mill-provi li fuq il-formola doganali hemm l-isem*

---

[33] Art. 11 tal-Kap 337
[34] Art. 11(3) tal-Kap 337
[35] A Torrente & P Schlesinger Manuale di Diritto Privato, (18th Edit, 2007) §390
[36] Cass., 29.4.1976, n. 1532, Giust. Civ., 1976, I, 798

*tas-soċjeta` rikorrenti biss, fil-kaxxa numru 14 intestata "Declarant/representative"*[37] *u għalhekk mhuwiex ċar jekk ETL hijiex qiegħda tiddikjara l-merkanzija f'isimha proprju inkella bħala aġent. B'danakollu, jirriżulta mid-dokumenti li ġew mgħoddija lid-Direttur flimkien ma' din il-formola li ETL kienet tabilħaqq qiegħda tidher għal Alpha. Ir-Regolament 2913/92 ma jispeċifikax kif għandha tiġi mistqarra r-rappreżentanza; fi kliem ieħor ma jimponi l-ebda formalita` dwar kif għandha ssir stqarrija bħal din, u għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, din ir-rappreżentanza tista' tirriżulta mill-assjem tad-dokumentazzjoni mgħoddija lid-Direttur u mhux biss mill-formola doganali standard li tkun trid tiġi mimlija. Imbagħad f'dan il-każ partikolari, hemm raġuni oħra, iktar qawwija, il-għala ETL ma tistax titqies li kienet taġixxi f'isimha proprju: kien id-Dipartiment innifsu li qabbad lil Alpha ma' ETL u ħeġġiġha tikseb mingħandha r-rati tas-servizzi li kienu ser ikunu meħtieġa f'Malta dwar il-konsenji taz-zokkor li kellhom jgħaddu bl-imsemmi arranġament, u biex tidher f'isimha fl-ipproċessar tal-proċeduri doganali. Saħansitra anke d-Direttur innifsu jagħraf li ETL m'għamlitx id-dikjarazzjoni f'isimha proprju, jew almenu f'isimha proprju biss, billi fl-ittra uffiċjali eżekuttiva, lil ETL ma interpellahiex biss f'isimha proprju, imma wkoll bħala aġent ta' Alpha;*

*Illi fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ma jkun eżerċizzju xejn xieraq jew għaqli jekk wieħed iħares biss lejn it-timbru bl-isem ta' ETL u mhux lejn id-dokumenti li ġew ippreżentati flimkien magħha kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. L-għarfien taċ-ċirkostanzi kollha min-naħa tad-Dipartiment imisshom iwasslu biex jirriżulta li ETL ma tistax titqies li kienet qiegħda twettaq dawk l-operazzjonijiet għaliha jew fl-interessi tagħha; Illi kif ingħad qabel, ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li ETL ma kinitx taf bl-oriġini vera tal-merkanzija, u lanqas intwera li d-Dipartiment daħallu xi suspett li d-dikjarazzjonijiet magħmula fuq id-dokumenti mressqin ma' kull konsenja ma kinux jgħidu s-sewwa. Kien biss meta tqanqal is-suspett mit-tweġibiet li waslulu mill-awtoritajiet tal-Malawi*[38] *u n-nuqqas ta' għarfien min-naħa tal-awtoritajiet doganali Komunitarji li d-Dipartiment bdiet togħkru għajnu u nieda l-proċess ta' stħarriġ li wassal biex uffiċjali ta' OLAF jinżlu f'Malta u jkomplu l-istħarriġ tagħhom li, fl-aħħar, wassal biex sab li z-zokkor kien ġej mill-Brażil u li ddokumentazzjoni li bagħtet Alpha kienet falza*[39]*;*

*Illi fid-duttrina huwa mgħallem u miżmum li l-mandatarju ma jinżammx responsabbli għall-għemil doluż tal-mandant. Kemm hu hekk jingħad li "Il rappresentante che nell'esplicazione del mandato commette un atto illecito lesivo del diritto assoluto del terzo, risponde in proprio del risarcimento del danno; ma non anche quando l'atto sia riconducibile alla volonta` del mandante"*[40]*. Għaldaqstant, f'każijiet fejn l-għemil qarrieq jew illeċitu jkun ġej mill-mandant, il-mandatarju mhuwiex personalment responsabbli biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li tista'*

[37] Ara, fost l-oħrajn, Dok "JVA" f'paġ 160, 163 u 165 tal-proċess
[38] Ara Dokti "CA3" u "CA6", f'paġ. 383 u 387 – 8 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Carmen Aquilina f'paġ. 343 – 4 tal-proċess
[40] Cass. **15.1.1972** nru. 120, Giust. Civ., Massimario 1972

*ġġarrab it-terza persuna li magħha, f'isem il-mandant, ikun ikkuntratta;*

*Illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-għemil doluż ta' Alpha qarraq b'kulħadd u mhux bid-Dipartiment biss. Dak li sar magħruf wara li laħqu għaddew bosta konsenji ta' zokkor bl-arranġament approvat huwa s-senno del poi, għaliex wara l-fatt kulħadd ikun għaref. Imma bl-ebda mod ma jista' jingħad li ETL kienet taħti għal xi kompliċita' fil-qerq imwettaq. Għall-kuntrarju, iddaħħlet fil-bixkla intortament u, kif jidher mill-atti, x'aktarx li dan kien pjan maħsub minn Alpha biex tinqeda sewwasew b'kumpannija li kellha fama ta' serjeta' f'xogħolha biex seħħilha taħbi aħjar il-manuvra qarrieqa tagħha;*

*Illi għall-istess raġuni, il-Qorti ma jidhrilhiex li ETL tgħid sewwa meta tipprova tgħabbi lid-Dipartiment bi traskuraġni jew b'kontributorjeta' f'dak li seħħ. Għalkemm ma ssemmihiex fir-rikors promotur tagħha, ETL tattribwixxi lid-Direttur negliġenza kontributorja peress li, skondha, messu nduna qabel b'dak li kien għaddej. Id-Direttur, fin-nota responsiva tiegħu, jirribatti din l-allegazzjoni u jinsisti li aġixxa tempestivament. B'danakollu, ladarba, kif ġja` ngħad, ETL m'għandhiex iġġorr responsabilita` personali f'dan il-każ, kemm dam ma nduna d-Direttur huwa irrelevanti għal kollox għaliex Alpha kienet taf mill-bidu li kienet qiegħdha tevadi d-dazju u l-ħażen u l-qerq ta' għemilha kien ħaġa li twieġeb għalih hi;*

*Illi lanqas ma ntwera li ETL kienet aġent f'Malta ta' Alpha. Bħala mandatarja ma kenitx qiegħda tagħmel negozju f'isem Alpha u t-transazzjonijiet tad-dħul f'Malta tal-konsenji ta' zokkor u t-tmexxija tagħhom bis-sistema ta' "onward supply relief" lejn pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropeja ma kienu jinvolvu lil ETL fl-ebda kummerċ jew attivita' lukrattiva (ħlief safejn l-għoti tas-servizzi doganali li kienet qiegħda tagħti kienu jintitolawha li titlob il-ħlas miftiehem). Alpha kienet saħansitra kisbet iċ-ċertifikazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħallikieku kienet qiegħda tikkummerċja f'Malta u ma ntwera bl-ebda mod li Alpha qatt tat xi jeddijiet ta' aġenzija lil xi entita' f'Malta, wisq anqas lil ETL;*

*Illi din il-ġabra ta' konsiderazzjonijiet kollha twassal lill-Qorti għall-fehma li ETL għandha kull raġuni li tikkontesta l-pretensjonijiet magħmula mid-Direttur fl-ittra uffiċjali tiegħu kontra tagħha u dan kemm safejn irid mingħandha l-ħlas f'isimha proprju u kif ukoll safejn jippretendi l-ħlas f'isem Alpha. Għalhekk, it-talba ta' ETL twettaq il-grad mistenni f'azzjoni ta' kontestazzjoni ta' kreditu għall-finijiet tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12;*

*Illi din il-fehma tal-Qorti qiegħda ssir bla ħsara għall-jeddijiet tad-Direttur li jieħu l-passi kollha li jista' jinqeda bihom fil-liġi direttament kontra Alpha għall-ġbir u l-ħlas lilu tad-dazju li seta' kien dovut;*

*Illi biex il-Qorti tkun qieset kollox, tirreferi għall-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tad-Direttur dwar in-nuqqas ta' notifika lill-Avukat Ġenerali. Kif joħroġ mid-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-3 ta' Ġunju,*

*2008, jidher li l-imsemmija eċċezzjoni ġiet sorvolata billi l-avukat tad-Direttur minkejja n-nuqqas ta' din in-notifika tat ruħha b'notifikata bir-rikors ta' ETL u irrinunzjat għal kull terminu[41];*

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*

***Tilqa' t-talba** tal-kumpannija rikorrenti eżekutata u ssib li hija ma għandhiex tħallas is-somma mitluba minnha fl-ittra uffiċjali tat-3 ta' Marzu, 2008, mibgħuta lilha mid-Direttur eżekutanti intimat, u dan la f'isimha proprju u lanqas bħala aġent tal-kumpannija barranija Alpha Trade and Commerce (U.K.) Limited; u*

***Tordna** li d-Direttur eżekutanti intimat iħallas l-i**spejjeż** ta' din il-proċedura".*

**RIKORS TAL-APPELL tad-Direttur Ġenerali (DWANA) – 16.11.2016:**

5. L-aggravji tad-Direttur Ġenerali (Dwana) huma s-segwenti:

**(i) L-ewwel aggravju:**

Fl-ewwel lok jgħid li mill-assjem tal-provi prodotti, l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li s-soċjeta` appellata m'għandhiex tinsab responsabbli għas-somma mitluba. F'dan ir-rigward jagħti s-segwenti raġunijiet:

(i) Isostni li fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet doganali mertu tal-każ, kien **hemm provi konkreti in atti li s-soċjeta` appellata kienet responsabbli għad-dikjarazzjonijiet doganali b'rappreżentazzjoni indiretta**. Jagħmel referenza għall-Artikolu 5 tal-Ewwel Sezzjoni tat-Tieni

[41] F'paġ. 11 tal-proċess

Kapitolu tar-Regolament tal-Kunsill numru 2913/1992 u jenfasizza li l-liġi hija ċara f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' "rappreżentazzjoni diretta" (fejn ir-rappreżentant jaġixxi f'isem u għan-nom ta' persuna oħra) jew "rappreżentazzjoni indiretta" (fejn ir-rappreżentant jaġixxi f'ismu proprju iżda għan-nom ta' persuna oħra) u wkoll f'dak li jirrigwarda l-konsegwenza legali ta' meta aġent doganali jonqos li jiddikjara li qed jaġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra, f'liema każ jitqies li qed jaġixxi f'ismu proprju u għan-nom tiegħu stess.

Jaċċenna għall-fatt li fuq il-formoli tad-dikjarazzjonijiet rispettivi, fil-kaxxa numru 14 intitolata "*Declarant/ representative*" rappreżentanti tas-soċjeta` appellata ndikaw in-numru tal-VAT tas-soċjeta` appellata stess, u del resto ffirmaw id-debiti dikjarazzjonijiet doganali mingħajr ebda riserva.

(ii) Jissottometti li l-Artikolu 5 jistipola li r-rappreżentant irid ikun aġent doganali, fatt li jimplika li persuni jew kumpaniji f'dan il-qasam ta' negozju jridu jkunu midħla sew mhux biss tal-proċeduri doganali iżda jridu jkunu responsabbli għad-dikjarazzjonijiet li jissottomettu. Jgħid li minn qari ta' dan l-artikolu jidher ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur hi li jagħti l-importanza għas-serjeta` ta' tali dikjarazzjonijiet doganali u li ma jħallix lok għad-dubju.

(iii) Iżid jargumenta li l-Artikolu 5 mhux biss jesiġi li aġent doganali jkun magħruf bħala tali, iżda jesiġi wkoll li l-aġent doganali jiddikjara sa fejn ikun lest li jassumi r-responsabbiltajiet għan-nom tal-klijent tiegħu. Jgħid li l-leġislatur ried li jaċċerta ruħu li fi kwalunkwe sitwazzjoni jintwera mingħajr dubju min għandu jassumi r-responsabbilta` tad-dazju dovut fuq id-dikjarazzjonijiet u t-transazzjonijiet doganali.

(iv) Jenfasizza li s-soċjeta` appellata kellha l-għażla li fid-dikjarazzjonijiet doganali tindika jekk kinitx qed taġixxi għan-nom ta' terzi, u li fl-assenza li tagħmel hekk għandha ġġorr ir-responsabbilta`. Huwa jispjega li pproċeda ċivilment fil-konfront tal-kumpanija appellata għall-irkupru tad-dazji dovuti fuq l-importazzjonijiet in kwistjoni **peress li l-istess kumpanija ddikjarat li kienet qed taġixxi fuq <u>rappreżentanza indiretta</u>.**

(v) Isostni li l-ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni kif dedatta fil-liġi speċjali stess (Kap 337) li s-soċjeta` appellata assumiet u kienet responsabbli pjenament fir-rigward tal-ħlasijiet doganali tal-importazzjoni mingħajr ma għażlet li tikkawtela l-interessi tagħha.

(vi) Iżid jgħid li l-fatt uniku li s-soċjeta` appellata ssemmiet bħala waħda li tagħti s-servizzi tagħha ta' aġent doganali bl-ebda mod ma jimmilita lejn il-fatt li d-Dwana hi b'xi mod responsabbli għall-għażliet tagħha fl-

informazzjoni li ssottomettiet fid-dikjarazzjoni doganali in kwistjoni.

(vii) Finalment jgħid li l-ewwel Qorti interpretat b'mod skorrett id-definizzjoni ta' rappreżentanza diretta u rappreżentanza indiretta. Huwa jiċċita s-segwenti parti mis-sentenza appellata (enfasi tiegħu):

> *"Kif jidher mill-kliem tar-Regolament innifsu, dan jikkontempla żewġ għamliet ta' rappreżentanza, waħda* ***diretta****, fejn ir-rappreżentanti tkun qiegħda* ***taġixxi f' isimha proprju u għan-nom tagħha stess****, u oħra* ***indiretta****, fejn ir-rappreżentanti tkun qiegħda* ***taġixxi f' isem jew*** *għan-nom ta' persuna oħra"*

Jippreċiża pero` li l-liġi fil-fatt tistipula hekk:

> *"…diretta, f' liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f' isem u għan-nom ta' persuna oħra, jew – indiretta, f' liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f' ismu proprju iżda għan-nom ta' persuna oħra."*

**(ii) <u>It-tieni aggravju:</u>**

Fit-tieni lok isostni li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta applikat il-każ odjern għall-kunċett ta' mandatarju kif definit fil-liġi ordinarja stante li hawn si tratta ta' liġi speċjali tad-Dwana u aġenti doganali, liema aġenti doganali bl-ebda mod ma jiffiguraw f'definizzjoni ta' mandatarju kif definit fil-Kodiċi Ċivili. Ifakkar li t-terminoloġija "mandatarju" hija kompletament *estranea* għall-provvedimenti tal-Kap 337 u għalhekk tali kunċett ma jistax jiġi applikat għaċ-ċirkostanzi odjerni.

**(iii) <u>It-tielet aggravju:</u>**

Fit-tielet lok jilmenta li l-ewwel Qorti interpretat l-Artikolu 11(3) tal-Kap 337 fis-sens li b'mod skorrett meta kkunsidrat f'iżolament il-frażi *"skont il-provvedimenti stabbiliti, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni".* Ifakkar li l-leġislatur ikkwalifika din il-frażi billi kompla jipprovdi: "*filwaqt li jqisu dik l-informazzjoni ġdida li tkun ġiet f'idejhom."*

Jgħid li fiċ-ċirkostanzi odjerni fejn huwa ġie rinfaċċjat b'ċertifikat EUR1 invalidu, l-uniċi miżuri li seta' jieħu kienu li jitlob il-ħlas tad-dazju t'importazzjoni dovut fuq il-konsenji taz-zokkor li kienu milqutin mill-istess ċertifikat EUR1 li ma kienx validu.

**<u>Ir-raba' aggravju:</u>**

Finalment jgħid li ladarba jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi odjerni s-soċjeta` appellata naqset mill-obbligi u r-responsabbiltajiet tagħha ai termini tal-provvedimenti tal-Kap 337 fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet li ġew sottomessi lid-Dwana, hija għandha tħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tas-soċjeta` Express Trailers Ltd li assumiet l-atti tal-kawża minflok Emmanuel Vella & Sons Ltd - 12.12.2016:</u>**

6. Is-soċjeta` Express Trailers Ltd wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u ekwa, kemm fid-determinazzjoni tal-fatti u liġi. Għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

**<u>FATTI LI TAW LOK GĦALL-VERTENZA</u>**:

7. Dan il-każ imur lura għall-2005 u jirrigwarda importazzjoni ta' zokkor fl-Unjoni Ewropea. Jiġi spjegat li prodotti (bħal zokkor) li jkunu ġejjin minn ċertu pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea li jkunu għadhom fi stadju ta' żvilupp (bħalma huwa l-Malawi) huma eżentati mill-ħlas tad-dazju ta' importazzjoni; b'hekk tali pajjiżi ikunu inċentivati li jesportaw il-prodotti tagħhom fl-Unjoni Ewropea għaliex ikunu f'pożizzjoni li jikkompetu ma' pajjiżi akbar u aktar żviluppati. L-esportaturi jkollhom bżonn ċertifikat magħruf bħala <u>EUR1</u>, li bażikament jiċċertifika l-pajjiż tal-oriġini tal-prodott.

8. Fl-2005 il-kumpanija <u>Alpha Trade and Commerce (UK) Limited</u> kienet riedet iddaħħal konsenji ta' zokkor, allegatament ġejjin mill-Malawi, fl-Unjoni Ewropea tramite Malta. (Malta kienet saret pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea proprju s-sena ta' qabel, fl-2004).

9. <u>David Fleri Soler,</u> *sales manager* fi ħdan is-soċjeta` Express Trailers Ltd u Express Freights Ltd[42], fix-xiehda tiegħu tal-4 ta' Frar, 2009[43], xehed illi:

> *"…konna irċevejna telefonata u recommendation mid-Dwana mingħand Mr Brincat, mingħalija international affairs tad-Dwana, biex naqbdu klijent li kien mar għandhom biex jagħmlu dan it-tip ta' trasport hawn Malta. Peress li l-klijent ried a local clearance and a freight onfolding* (sic) *biex nibgħatuh pajjiż ieħor, ovvjament dħalna aħna bħala Express Trailers u Express Freights fil-kwistjoni tal-freight fuq proċess totali ta' meta jidħol ix-xogħol u meta joħroġ ix-xogħol."*

Kompla jgħid li l-klijent li kien avviċina lid-Dwana kien fil-fatt rappreżentant mis-soċjeta` Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd. Enfasizza li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd kienet daħlet fil-kwistjoni litteralment biex tagħmel *clearing* tal-karti tad-Dwana għal Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd. Mistoqsi f'kull konsenja li kien hemm kif kienu jkunu intestati d-dokumenti tad-Dwana, wieġeb li

> "*Emmanuel Vella & Sons kienu qed jidhru bħala aġenti ta' Alpha Trade and Commerce u ppreżentaw id-dokumenti li kienu indirizzati lilhom bħala Alpha Trade and Commerce".*

10. <u>Jonathan Vella</u>, *Finance* u *Administration Manager* fis-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd[44], xehed li f'Lulju 2005 ċertu Klaus Peter Pils kien ġie Malta akkompanjat minn missieru u nżamm inkontru biex tiġi

[42] Dawn is-soċjetajiet, bħas-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd u s-soċjeta` Eyre Travel Ltd, kienu jiffurmaw parti mill-Vella Brothers Group. (Fl-2013 saret amalgamazzjoni li riżultat tagħha Express Trailers Ltd akkwistat is-soċjetajiet Eyre Travel Ltd, Express Freights Ltd u Emmanuel Vella & Sons Ltd.)
[43] Fol 13 et seq
[44] Affidavit fol 30 et seq

diskussa l-operazzjoni kollha fuq l-importazzjoni taz-zokkor. Qal li l-arranġament kien li s-servizzi konnessi mal-*freight* jiġu esegwiti minn Express Freights Ltd u dawk lokali jinħadmu minn Emmanuel Vella & Sons Ltd. Qal li wara skambju ta' diversi *emails* l-ewwel konsenja waslet bejn Lulju u Awwissu 2005 u konsenji oħra waslu fil-ġimgħat ta' wara. Qal li kollha għaddew minn idejhom u d-Dwana mingħajr problemi. Fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' Ġunju, 2009[45], huwa reġa spjega x'kien dak li Klaus Peter Pils (li kien rakkomandat lilhom mid-Dwana) kien talabhom:

> "*Li għamel dan talabna li aħna nieħdu ħsieb kemm id-dokumentazzjoni li għandu bżonn meta qed jimporta, qed jimporta dawn il-containers ġewwa Malta u niftakru wkoll li dan sar fit-2005 jiġifieri wara l-accession tal-European Union allura kien hemm proċeduri kompletament daqsxejn differenti minn qabel l-2004. U talabna biex nagħmlu da dokument plus hekk ried ukoll jibdel il-containers jiġifieri l-containers li daħlu z-zokkor bih kellu jibdilhom ma' containers oħrajn biex ikomplu għaddejjin imbagħad għall-kontinent Ewropew".*

11. Spjega li r-rwol tas-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons kien li tirċievi dokumenti mingħand Klaus Peter Pils (invoices u dokumenti oħra relatati) biex huwa jkollu l-permess jimporta z-zokkor u jkompli jesportah fl-Ewropa "*u aħna imbagħad nagħmlu l-proċeduri kollha li kien hemm bżonn doganali."* Kompla jgħid li x-xogħol ingħata għal diversi drabi. Spjega li meta d-dokumenti jiġu ppreparati kienet tipproċessahom id-Dwana (aċċenna għall-fatt li jidher it-timbru tad-Dwana fuq id-dokumenti doganali esebiti minnu) u mbagħad ix-xogħol jiġi *released*.

[45] Fol 38 et seq

12. Joseph Brincat fix-xiehda tiegħu tad-9 ta' Novembru, 2010[46], xehed li f'dak iż-żmien tal-każ kien jaħdem mad-Dipartiment tad-Dwana bħala Direttur dwar affarijiet internazzjonali marbuta mad-dipartiment. Qal li dak iż-żmien fil-fatt kien wasal biex jirtira u għalhekk fiż-żmien tax-xhieda tiegħu kien ilu ħames snin irtirat. Xehed li ma jiftakar xejn dwar il-kumpanija Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd jew li kien hemm xi konnessjoni bejnha u bejn is-soċjeta` Emmanuel Vella and Sons Ltd, pero` qal li kienet "*highly regarded*" mid-Dwana u li fil-fatt kienu jieħdu l-barranin għandha:

> *"Naf li fi żmieni, meta konna d-Dwana, Manuel Vella & Sons u Express Trailers konna nikkunsidrawha bħala l-iktar kumpannija ta' quddiem li marret għall-compliance tal-liġijiet tad-Dwana. Tant hu hekk li meta kien ikollna foreign visits biex jaraw kif aħna qed naħdmu, dejjem ħadnihom hemmhekk għax anke kienu l-ewwel nies li introduċew is-sistema elettronika tad-Dwana. Manuel Vella & Sons u Express Trailers kienu highly regarded mid-Dwana."*

13. Saviour Vella, direttur fi ħdan is-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd, ikkonferma li Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd tqabbdet lilhom mid-Dwana ta' Malta u li qabel ma kinux jafuhom. Ikkonferma li l-ftehim kien li jieħdu ħsieb il-karti biex jgħadduhom lid-Dwana għall-finijiet ta' rilaxx u kienu anke jittrasbordaw il-merkanzija fuq *containers* biex jibagħtuhom l-Italja. Qal li taw is-servizz mingħajr problemi ta' xejn iżda fl-aħħar okkażjoni, meta waslu ħamsa minn tali *containers* taz-zokkor f'Malta, id-Dwana ma kinitx sodisdatta biċ-ċertifikat EUR1.

[46] Fol 335 et seq

14. Irriżulta minn verifiki li għamlet id-Dwana li minkejja dak li kien tniżżel fuq iċ-ċertifikati EUR1, iz-zokkor fil-fatt ma kienx ġej mill-Malawi, iżda mill-Brazil, u għalhekk ma kienx igawdi mill-eżenzjoni tal-ħlas tad-dazju. Id-dokumenti fil-fatt kienu ffalsifikati. Id-Dwana bl-ebda mod ma qed issostni li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons kellha x' taqsam mal-falsifikazzjoni.

15. Fit-30 ta' Novembru, 2005, id-Dwana ħarġet fattura għall-ammont ta' Lm191,998 għall-ħlas tad-dazju li kienet qed tippretendi għall-konsenji kollha taz-zokkor li laħqu għaddew bejn Lulju u Settembru 2005. Tali fattura kienet indirizzata kemm lil Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd u kif ukoll lil EVS Ltd (Emmanuel Vella & Sons Ltd).

16. Sussegwentement, fit-3 ta' Marzu, 2008, permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12 hija interpellat lis-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons f'isimha u f'isem Alpha Trade and Commerce UK Ltd biex tħallas id-dazju dovut (ekwivalenti għal €447,235). Permezz tar-rikors odjern, fl-atti tal-imsemmija ittra, is-soċjeta` Express Trailers Ltd (li assumiet l-atti flok Emmanuel Vella & Sons Ltd) qed tikkontesta li għandha tħallas id-dazju pretiż.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

17. Jibda biex jingħad illi l-vertenza tirrigwarda biss lil Emmanuel Vella & Sons Ltd f'isimha *proprio* billi sa fejn l-ittra uffiċjali tad-dwana kienet magħmula kontra l-istess soċjeta` *nomine* ma saret ebda talba biex l-ittra uffiċjali titħassar. Il-pern tal-kwistjoni bażikament hu jekk is-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd, illum Express Trailers Ltd, għandhiex iġġorr il-piż tar-responsabbilta` tad-dikjarazzjonijiet sottomessi minnha lid-Dwana. Fil-fatt l-aggravju prinċipali tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana huwa bbażat fuq hekk.

18. Id-Direttur Ġenerali tad-Dwana fir-rikors tal-appell tiegħu jaċċenna għar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/1992[47], senjatament għall-Artikolu 5 tal-Ewwel Sezzjoni tat-Tieni Kapitolu, li jaqra hekk:

> *"Dritt ta' rappreżentazzjoni*
> *L-Artikolu 5*
>
> *1. Taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 64(2) u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet adottati fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu 243(2)(b), kull persuna tista' taħtar rappreżentant fin-negozjati tagħha ma' l-awtoritajiet doganali biex jesegwixxi l-atti u l-formalitajiet stipulati mir-regoli doganali.*
>
> *2. Din ir-rappreżentazzjoni tista' tkun:*
>
> *- diretta, f'liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f'isem u għan-nom ta' persuna oħra, jew*

[47] Regolament tal-Kunsill **2913/1992** tat-12 ta' Ottubru, 1992, li jistabbilixxi il-Customs Community Code (**CCC**) – revokat fl-1 ta' Mejju, 2016. Illum hemm ir-Regolament tal-Kunsill **952/2013** tad-9 ta' Ottubru, 2013, li jistabbilixxi il-Union Customs Code (**UCC**).

*- indiretta, f'liema każ ir-rappreżentant għandu jaġixxi f'ismu proprju iżda għan-nom ta' persuna oħra.*

*Stat Membru jista' jirrestrinġi d-dritt li jsiru dikjarazzjonijiet doganali:*

*- b'rappreżentazzjoni diretta, jew*

*- b'rappreżentazzjoni indiretta,*

*għalhekk ir-rappreżentant għandu jkun aġent doganali li jwettaq il-kummerċ tiegħu fit-territorju ta' dak il-pajjiż.*

*3. Ħlief fil-każijiet li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 64(2)(b) u (3), rappreżentant għandu jkun stabbilit fil-Komunità.*

*4. Rappreżentant għandu jiddikjara li qed jaġixxi f'isem il-persuna li jirrappreżenta, jispeċifika jekk ir-rappreżentanza hix diretta jew indiretta u jkollu l-poter li jaġixxi bħala rappreżentant.*

*Persuna li tonqos milli tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra jew li tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra mingħajr ma tkun awtorizzata li tagħmel dan għandha titqies li qed taġixxi f'ismha proprju u għan-nom tagħha stess.*

*5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lil kull persuna li tiddikjara li qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra biex tipproduċi prova tal-poteri tagħha biex taġixxi bħala rappreżentant".*

19. Jaċċenna wkoll għall-fatt li fuq kull formola doganali relattiva għal-konsenji taz-zokkor, senjatament fil-kaxxa numru 14, intestata *"declarant/ representative*", ir-rappreżentanti tas-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd indikaw biss l-isem tas-soċjeta` u n-numru tal-VAT tagħha stess, mingħajr ebda kwalifika.



20. Din il-Qorti tosserva li għalkemm skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 suċitat persuna li ma tiddikjarax jekk hix qed taġixxi f'isem jew għan-nom ta' persuna oħra titqies li qed taġixxi f'isimha, l-appellant id-Direttur Ġenerali tad-Dwana mhuwiex qed isostni li b'dak li nkiteb fil-kaxxa numru 14 (EVS Ltd u n-numru tal-VAT) ġie li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd aġixxiet f'isimha proprju u għan-nom tagħha stess. Dan qed jingħad għaliex huwa qed jargumenta li hemm provi konkreti in atti li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd kienet responsabbli b'**rappreżentanza indiretta** (minkejja li ma ġiex speċifikat fil-kaxxa nru 14 li EVS Ltd kienet qed taġixxi għan-nom ta' Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd).

21. Issa skont il-fattura datata 30 ta' Novembru, 2005, fl-ammont komplessiv ta' Lm191,998 jidher li d-Dwana qed tqis li d-dazji varji ġew inkorsi meta ġew aċċettati d-dikjarazzjonijiet doganali relattivi għall-konsenji taz-zokkor (li kif fuq spjegat, għaliex ma kinux ġejjin mill-Malawi iżda mill-Brazil, ġie li huma soġġetti għad-dazju). L-Artikolu 201 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/1992 fil-fatt jipprovdi li d-dejn doganali fuq l-importazzjoni jiġi inkors fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali konċernata. Il-paragrafu 3 jagħmilha ċara li d-debitur huwa d-dikjarant, u li f'każ ta' rappreżentazzjoni indiretta il-persuna li għan-nom tagħha tkun saret id-dikjarazzjoni doganali għandha wkoll tkun debitur.

*"IL-KAPITOLU 2*

*META JIĠI INKORS DEJN DOGANALI*

*L-Artikolu 201*

*1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:*

*(a) tal-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, jew*

*(b) tat-tqegħid ta' dawk il-merkanziji taħt proċedura ta' importazzjoni temporanja b'eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni.*

*2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-ħin ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali konċernata.*

*3. Id-debitur għandu jkun id-dikjarant. F'każ ta' rappreżentazzjoni indiretta, il-persuna li għan-nom tagħha tkun saret id-dikjarazzjoni doganali għandha wkoll tkun debitur.*

*Fejn dikjarazzjoni doganali fir-rigward ta' waħda mill-proċeduri li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 issir skond il-bażi ta' informazzjoni li twassal sabiex id-dazji kollha legalment dovuti jew parti minnhom ma jinġabrux, il-persuni li jkunu pprovdew l-informazzjoni meħtieġa biex saret id-dikjarazzjoni u li kienu jafu, jew raġonevolment kellhom ikunu jafu li dik l-informazzjoni kienet falza, jistgħu wkoll jitqiesu bħala debituri skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ".*

22. Minn dan kollu isegwi li:

- fejn hemm **rappreżentazzjoni diretta** (ċioe` fejn persuna A tidher f'isem u għan-nom ta' persuna B, id-dikjarant hija il-persuna B, u allura hija din il-persuna B li hija d-debitur.

- fejn hemm **rappreżentazzjoni indiretta** (ċioe` fejn persuna A tidher f'isimha iżda għan-nom ta' persuna B) id-dikjarant hija il-persuna A li tkun qed tidher f'isimha stess iżda għan-nom tal-persuna B, u huma kemm il-persuna A u kemm il-persuna B li huma debituri.

23. Fil-fatt illum-il ġurnata l-effetti ta' rappreżentanza diretta u indiretta huma spjegati iktar ċari. Permezz tal-A.L. 14 tal-2016 (*Regolamenti tal-2016*[48] *li jemendaw ir-Regolamenti tad-Dwana, Ordinanza tad-Dwana Kap 37*) ġiet miżjuda (*inter alia)* formola ġdida, ossia il-Formola 14 (*Prokura biex taġixxi bħala Dikjarant jew Rappreżentant tad-Dwana f'isem terza persuna*.) Fuq tali formola l-effetti tar-rappreżentanza diretta/ indiretta (skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2913/92 u l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 952/2013) huma spjegati hekk:

> "*Nota:*
>
> *Skont il-Kodiċi tad-Dwana preżenti u l-Kodiċi tad-Dwana futur tal-Unjoni Ewropea,* ***ir-Rappreżentant Dirett*** *jaġixxi f' isem u għan-nom ta' persuna oħra. Fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni/ esportazzjoni l-importatur/ esportatur ikun responsabbli lejn id-Dwana għal kull dejn li jirriżulta mid-dikjarazzjoni li ssir.*
>
> *Ir-****Rappreżentant Indirett*** *jaġixxi f' ismu jew f' isimha iżda għan-nom ta' persuna oħra. Fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni/ esportazzjoni ir-rappreżentant u ll-importatur/ esportatur flimkien ikunu responsabbli għal kull dejn lejn id-Dwana li jirriżulta mid-dikjarazzjoni li ssir."*

24. Issa kif diġa osservat din il-Qorti aktar 'il fuq, l-appellant Direttur Ġenerali tad-Dwana donnu qed jikkonċedi li sar żball meta r-rappreżentant/skrivan tas-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd niżżel it-timbru EVS Ltd fil-kaxxa nru 14 tal-formola doganali, għaliex mhux qed isostni li tali soċjeta` kienet qed tidher f'isimha skont il-para 4 tal-Artikolu

[48] Art 2 ta' dan l-A.L. jispjega li dawn ir-regolamenti huma promulgati fid-dawl tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Komunitarju Doganali 2913/12 u kull liġi li tissostitwixxi dak il-Kodiċi.

5. Madanakollu jidher li huwa qed iqis dak dikjarat u ċioe` n-nuqqas ta' Emmanuel Vella & Sons Ltd li tiddikjara li kellha rappreżentanza diretta, u għalhekk isegwi li kellha rappreżentanza indiretta.

25. Din il-Qorti invece mill-assjem tal-provi tqis li r-rappreżentanza li kellha s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd vis-à-vis Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd kienet waħda **diretta**. Li kieku kienet taf li z-zokkor kien ser ikun soġġett għad-dazju huwa inverosimili li kienet ser tintrabat bħala debitur fir-rigward (la waħedha u lanqas flimkien ma' Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd), meta l-kompitu tagħha kien sempliċiment li tipproċessa dokumenti doganali. Kien f'dan is-sens li David Fleri Soler xehed li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd kienet qed tidher bħala "aġent", ta' Alpha Trade and Commerc (UK) Ltd. Wieħed irid japprezza li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd kienet mingħaliha li l-konsenji taz-zokkor li kellhom jiddaħħlu fl-Unjoni Ewropea tramite Malta kienu ġejjin minn pajjiż li huwa eżentat mill-ħlas tad-dazju.

26. Il-fatt li fil-kaxxa nru 14 tal-formola doganali tniżżel EVS Ltd għandu fil-fehma ta' din il-Qorti jitqies bħala żball ġenwin minkejja li rrepeta ruħu għal tmienja u tletin (38) darba – proprju għaliex għaddew numru ta' xhur qabel ma ġiet skoperta l-frodi, li seħħet barra minn Malta. Kien wara li ġiet skoperta l-frodi u meta sussegwentement id-Dwana daret fuq is-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd għall-ħlas tad-dazju li l-imsemmija soċjeta`

intebħet bl-implikazzjoni tad-dikjarazzjoni żbaljata tagħha. Il-Qorti żżid li d-dwana taċċetta li s-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd ma kellha x'taqsam xejn mal-frodi tant li dan ġie konfermat mid-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti.

27. Huwa opportun li ssir riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża fl-ismijiet **Pfeifer & Langen** (C-97/19) deċiża fis-16 ta' Lulju, 2020. F'dan il-każ ġie ritenut li l-isem tad-dikjarant fil-kaxxa 14 tal-formola doganali jista' jiġi korrett jekk ikun pruvat li tniżżel "*in error or due to a misunderstanding".* Fid-dawl ta' din id-deċiżjoni u tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, din il-Qorti tqis li ġie ppruvat li seħħ żball ġenwin tas-soċjeta` Emmanuel Vella & Sons Ltd fil-mili tad-dikjarazzjoni doganali, u li dan ma sarx minħabba żball ibbażat fuq informazzjoni falza mogħtija mill-istess Alpha Trade and Commerce (UK) Ltd. Jerġa' jiġi enfasizzat li d-difensur tad-Dwana stess, fit-trattazzjoni li saret fit-28 ta' Ġunju, 2021, quddiem din il-Qorti, ikkonferma li d-Dwana assolutament mhix qed issostni li s-soċjeta` kellha x' taqsam mal-frodi.

28. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti sejra tieqaf hawn għaliex kunsiderazzjonjiet dwar l-aggravji l-oħra jiġu li huma superfluwi.

29. Għal dawn il-motivi qiegħda tiċħad l-appell tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u tikkonferma l-konklużjoni tal-ewwel Qorti.

30. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-istess appellant, id-Direttur Ġenerali tad-Dwana.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da